VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,283, 18 ta' Lulju, 2014
Taqsima B

A.L. 255 tal-2014

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
(KAP. 363)

Regolamenti tal-2014 li Jemendaw ir-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Tismija ta' Toroq)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bis-saħħa tal-artikolu 72(1) tal-Att dwar Kunsilli Lokali, il-Ministru għal Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, b'konsultazzjoni mal-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2014 li Jemendaw ir-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Tismija ta' Toroq) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jifthiemu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Tismija ta' Toroq), hawn aktar 'il quddiem msejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 363.10

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "lill-Ministru responsabbli għall-Pulizija li għandu jirreferi, qabel ma jordna t-tibdil ta' l-isem ta' xi triq jew jagħti jew japprova isem li bih għandha tissejjaħ triq ġdida skond l-artikolu 22 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija" għandhom jidħlu l-kliem "lill-Ministru responsabbli għall-Infrastruttura li għandu jirreferi, qabel ma jordna t-tibdil tal-isem ta' xi triq jew jagħti jew japprova isem li bih għandha tissejjaħ triq ġdida skont l-artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija".

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "mill-Ministru responsabbli għall-Pulizija skond l-artikolu 22 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija" għandu jidħol il-kliem "mill-Ministru responsabbli għall-Infrastruttura skont l-artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija".